# O Żmien Ħelu . . .

*Riċerka u Kitba ta'* **Dr. Raymond C. Xerri**

## Il-Kappella "Santa Marija tal-Qala"

Il-Madonna talQala, eku mill-qedem ta' l-istorja tar-raħal antik tagħna. Iva hekk kienet tissejjaħ kappella ċkejkna ġeografikament ezatt f'nofs il-Qala, illum is-Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Illum insibu fdalijiet minn dak iż-żmien fil-Kappella pjuttost ġdida fil-Knisja Arċipretali tal-Patrun Tagħna San Ġużepp. Insibu diversi oġġetti bħall-Kwadru mill-isbaħ "Santa Marija tal-Qala", il-ventartal, il-pulptu, il-gandlier, il-qanpiena, il-ħawt tal-ilma mbierek kif ukoll il-Kunċizzjoni tal-Vettrina. Illum dawn huma parti minn kappella-mużew. Dawn it-teżori li għaddewlna l-Qalin ta' qabilna llum jinsabu fil-kappella "moderna" biswit is-sagristija tal-Knisja Arċipretali tagħna, hekk kif tidħol mill-bieb tal-ġenb mill-pjazzetta. Min jaf kemm-il darba dħalt minn dak il-bieb u ħarist lejn dak il-kwadru u sellimtilha. Tafu xi storja antika għandu dak il-kwadru?

### Il-Kwadru Santa Marija tal-Qala

Il-kwadru Santa Marija tal-Qala hu maħdum b'żejt fuq it-tila u d-dimensjonijiet tiegħu huma twil 130.8 ċentimetri (jew 51.5 pulzieri) u wiesa' 81.2 ċentimetri (jew 32 pulzier) u ġie mpitter madwar 475 sena ilu. Jiġifieri din il-pittura hi fost l-eqdem pitturi fil-gżira Għawdxija u fost l-aktar meqjuma. Il-kwadru Santa Marija tal-Qala kien sar il-kwadru titulari tas-Santwarju tal-Kunċizzjoni fl-1575 u dam titular sal-1615 meta floku tqiegħed il-kwadru li hemm illum, impitter mill-pittur magħruf Federico Barocci.

Il-kwadru Santa Marija tal-Qala nġab fil-Knisja ta' San Ġużepp fl-1899 u b'ordni tal-Isqof t'Għawdex, Mons. Ġuzeppi Pace fl-1949 inżamm quddiem l-akkademja Marjana Djoċesana għall-qima. B'ordni ta' l-istess Isqof il-kwadru ntuża wkoll fil-pellegrinaġġ kbir djoċesan li kien sar fis-6 ta' Diċembru 1953 fejn kienu attendew mijiet ta' Qalin u eluf ta' Għawdxn u Maltin. Dak inhar, l-Isqof Ġużeppi Pace fetaħ is-sena Marjana fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni. Niftakar lin-nanna tiegħi Katarina Xerri, il-Mulej jagħtiha l-ġenna, tgħidli u tirrakkonta meta hi attendiet dan il-pellegrinaġġ tal-1953. Fl-1983 kien sar pellegrinaġġ ieħor din id-darba mill-Katidral u niftakar kont għadni kif spiċċajt minn ħames snin servizz ta' abbati fir-raħal tagħna, u ntella' u nniżżel jekk immurx il-pellegrinaġġ Marjan magħha jew le. Imn'Alla mort, għaliex kien ħalla marka spiritwali permanenti fuqi li għadni nħossha llum, ħassejt lil Alla f'qalbi bħal qatt qabel. Dak inhar fl-għaxija n-nanna kienet irrakkontatli dak kollu li ġara meta kienet ħadet sehem fil-pellegrinaġġ tletin sena qabel. Nerġgħu lura għall-kappella tal-Madonna tal-Qala.

### Il-Ventartal

Wara l-kwadru ġawhra tal-Madonna tal-Qala jiena ngħid li l-ventartal huwa l-aktar oġġett prezzjuż. Dan jinsab fil-vettrina fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru tal-Madonna tal-Qala. Magħmul tal-ġild b'arti u sengħa kbira. Hu oġġett qadim ħafna għalkemm mhux magħruf kemm għandu żmien, nafu li fi Spanja kienu jinħadmu fis-seklu tlettax u erbatax. Ix-xogħol tax-xbieħa tal-Madnna, li hemm impinġija f'nofsu jindika l-iskola Spanjola. Sal-1924 dan il-ventartal kien għadu fis-Santwarju tal-Immakulata tal-Kunċizzjoni u fl-istess sena ntbagħat l-Ingilterra għall-Esibizzjoni ta' Wembley. Meta rritorna dan inżamm fil-Knisja Parrokkjali.

### Il-Pulptu

Iżżanżan fis-6 ta' Jannar 1925 b'diskors mill-Kappillan Dun Ġużepp Cassar (1920-1926) kien skolpit minn Kalċidon Bugejal mill-Imdina fuq disinn tiegħu stess. L-ispejjeż telgħu għal mitt lira, somma kbira ħafna għal dak iż-żmien. Il-flus nġabru mingħand il-Qalin emigranti fl-Istati Uniti tal-merika minn Ġużepp Portelli li kien ħa l-inkarigu tal-ġbir. Portelli kien emigrant minn fosthom.



*Il-kwadru ta' "Santa Marija tal-Qala", meqjum fil-Knisja Arċipretali tal-Qala*

### l-Gandlieri

Il-gandlieri nsabu wieħed kull naħa tal-artal tal-Madonna tal-Qala u ngabu mis-Santwarju bil-kunsens tar-Rettur. Kienu jintramaw fuq ir-riħ tal-artal maġġur u kienu ndurati bid-deheb meta kienu fis-Santwarju kmieni fis-seklu sbatax.

### Il-Qanpiena

Skond il-kitba mnaqqxa fuqha din il-qanpiena nħadmet fl-1846 minn Mastru Pawlu Farrugia għall-Knisja tal-Erwieħ tal-Belt Valletta, x'aktarx hija qanpiena waħdanija mill-istess Mastru. Il-qanpiena tiżen 275 kilogram (jew 244 ratal). Xtraha l-Kappillan Diacono mingħand il-Mastru Ġiljan Cauchi bil-prezz ta' 290 skud. Qrib l-1965 ġarrbet ħsara fil-ħolqa tal-ilsien u għalhekk ġiet imniżżla mill-kampnar tas-Santwarju fejn fl-aħħar sabet ruħha fil-kappella bil-kunsens tar-Rettur.

### Il-Ħawt tal-ilma mbierek

Wieħed minn tnejn li kienu fil-Knisja Arċipretali sa meta ġew midbulin minn dawk tal-irħam li hemm illum fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Cassar (1920-1926). Ieħor żgħir ukoll mill-ġebla żonqrija tal-Qala, bħat-tnejn l-oħra li kienu ħdejn il-bieb tl-Lvant tal-Knisja kien maħdum minn Feliċ Mifsud, bennej mill-Qala li kien imħarreġ fis-sengħa tal-ġebel qawwi. Feliċ miet fl-1980.

### Il-Kunċizzjoni tal-Vetrina

Din il-Kunċizzjoni kienet fis-Santwarju flimkien ma' statwetti oħra tal-Madonna tarbija madwar 40 sena ilu. Hi aktarx xogħol ta' barra l-istess żmien tal-Madonna tarbija li waslet fis-Santwarju fis-1780. Miġjuba fil-kappella tal-Madonna tal-Qala bil-kunsens tar-Rettur tas-Santwarju.

### Wirt il-Qalin kollha

Dawn huma ftit mill-oġġetti li salvaw l-elementi u l-medda taż-żminijiet u llum huma wirt imprezzabbli tar-raħal tagħna. Dawn huma xogħol missirijietna, huma mislufa lilna bi dmir sħiħ li ngħadduhom lill-ġenerazzjonijiet ta' Qalin li għad iridu jiġu. Apparti li huma mprezzabbli għalina l-Qalin, huma wkoll wirt ta' Għawdex, ta' pajjiżna u wirt tad-dinja kattolika kollha. Tistgħu timmaġinaw l-isbuħija tas-Santwarju tagħna madwar 300 sena ilu bil-Kwadru tal-Madonna tal-Qala mżejjen bil-gandlieri lewn id-deheb u b'mijiet ta' rigali ex-voto tad-deheb u fidda mwaħħla maż-żewġ ħitan minn Qalin, Għawdxin u Maltin li qalgħu xi grazzja. Dawk l-eluf ta' pellegrini devoti tal-Madonna tal-Qala. . . dejjem ġejjin. . . għall-kwiet tas-Santwarju ċkejken fil-kampanja tal-Qala. O żmien ħelu. . . fejn int?

**Referenzi:**

*Il-Werrej tal-Kappella "Madonna tal-Qala"*